

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2011 TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA STABILITI PERMEZZ TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA DWAR IL-KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI

tal-31 ta' Marzu 2011

dwar l-emendar tal-Anness 3 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli

(2011/216/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli ⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.
- (2) L-Anness 3 għall-Ftehim jipprevedi konċessjonijiet fir-rigward tal-ġobnijiet, b'mod partikolari għal-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ f'ġobnijiet matul perjodu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (3) L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera qablu li jdaħħlu fil-Ftehim Anness 12 ġdid dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-orġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u tal-ikel, li jitlob għal konsistenza fl-ispeċifikazzjonijiet, b'mod partikolari dawk tal-ġobnijiet.
- (4) B'konsegwenza ta' dan, l-Anness 3 jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex iqis kemm il-liberalizzazzjoni kompluta fil-kummerċ bilaterali fil-ġobnijiet, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2007, kif ukoll ukoll il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li ser ikunu previsti f'Anness 12 ġdid,

Artikolu 1

L-Anness 3 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli u l-appendiċi tiegħu, għandu jiġi sostitwit bit-testi fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-adozzjoni tagħha mill-Kumitat Konġunt.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2011.

Għall-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura

Il-President u l-Kap
tad-Delegazzjoni Svizzera

Jacques CHAVAZ

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE

Nicolas VERLET

Is-Segretarju tal-Kumitat

Chantal MOSER

⁽¹⁾ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

ANNEX

"ANNEX 3

1. Il-kummerċ bilaterali fil-prodotti kollha li jidħlu taħt l-intestatura 0406 tas-Sistema Armonizzata huwa liberalizzat kompletament b'effett mill-1 ta' Ġunju 2007 billi tneħħew it-tariffi u l-kwoti kollha.
2. L-Unjoni Ewropea m'għandhiex tapplika rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal ġobnijiet esportati lejn l-Isvizzera. L-Isvizzera m'għandhiex tapplika sussidji tal-esportazzjoni ⁽¹⁾ għal ġobnijiet esportati lejn l-Unjoni Ewropea.
3. Il-prodotti kollha li jidħlu fil-kodiċi NM 0406 li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Isvizzera u li jsir kummerċ fihom bejn dawk iż-żewġ Partijiet huma eżentati mill-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni.
4. L-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera għandhom jiżguraw li l-benefiċċji mogħtija reċiprokament ma jiġux ippreġudikati minn miżuri oħrajn li jaffettwaw l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.
5. Jekk l-iżvilupp tal-prezzijiet u/jew l-importazzjonijiet jirriżulta f'disturb fis-suq ta' kwalunkwe Parti, għandhom jinbnew konsultazzjonijiet kemm jista' jkun malajr fi ħdan il-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 6 tal-Ftehim fuq talba ta' kwalunkwe Parti bil-ħsieb li jinstabu s-soluzzjonijiet xierqa. F'din il-konnessjoni, il-Partijiet b'dan jaqblu li jiskambjaw informazzjoni perjodikament dwar il-prezzijiet u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti dwar is-suq ta' ġobnijiet prodotti lokalment u impurtati.

⁽¹⁾ L-ammonti bażiċi li fuqhom ġiet ibbażata l-eliminazzjoni tas-sussidji tal-esportazzjoni ġew ikkalkulati bi ftehim komuni bejn il-Partijiet abbażi tad-differenza bejn il-prezzijiet istituzzjonali għall-ħalib li probabbilment ikunu fis-seħħ meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim, u ammont addizzjonali għall-ħalib ipproċessat biex isir ġobon, miksub abbażi tal-kwantità ta' ħalib meħtieġa għall-manifattura tal-ġobnijiet ikkonċernati, u titnaqqas (ħlief fil-każ ta' ġobnijiet suġġetti għal kwoti) ir-riduzzjoni tad-dazju doganali applikat mill-Komunità."
